*Rappreżentanza guridika ta' Minuri*

*Setgha tal-Genitur*

*Volonta' tat-Testatur*

*Art 136,136, 150 u 2138 tal-Kap 16*

# QORTI CIVILI PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju 2016

**Kawza Numru : 29**
**Rikors Guramentat Numru : 737/2015/LSO**

**Nadia Al Tasha (I.D.24516(A)) bhala legittima rapprezentanti ta' binha minuri Hanibal Mamo**

**vs**

**Elton Mamo (I.D. 111976M) Rania Vella (I.D. 250981M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Nadia Al Tasha (ID 24516(A)) datat 31 ta’ Lulju 2015 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti hija mart Evan Mamo li miet fis-17 ta' Marzu 2015 kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt (Dok A).

Illi miz-zwieg ta' l-esponenti ma' Evan Mamo dawn kellhom tifel bl-isem ta' Hanibal. Pero` d-*decuius* Evan Mamo kellu zewgt itfal ohra minn zwieg precedenti ossia l-konvenuti.

Illi skont l-ahhar testment tad-*decuius* Evan Mamo huwa halla bhala werrieta universali tieghu lill-minuri Hanibal Mamo u kif ukoll iz-zewg uliedu l-ohra u cioe` l-konvenuti. Kopja tat-testment qed jigi anness u mmarkat Dok B.

Illi l-konvenuti gew interpellati debitament sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Evan Mamo pero` baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tillikwida l-assi tal-mejjet Evan Mamo.

2. Taqsam l-assi tal-mejjet Evan Mamo fi tliet (3) porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

3. Tassenja wahda minn dawn il-porzjonijiet lill-esponenti.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni tal-assi tal-mejjet Evan Mamo fil-gurnata, hin u lok li jigi ordnat kif ukoll bin-nomina ta' kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Novembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti datata l-1 ta' Settembru 2015 (fol 12) fejn Elton Mamo espona :

1. Illi kif jirrizulta l-ahhar testment maghmul minn missier l-esponenti fl-10 ta' Dicembru 2014, in atti n-Nutar Dottor Joseph Tabone (esebit mill-attrici bhala Dokument B), filwaqt li z-zewg esponenti flimkien ma' huhom minuri Hannibal gew nominati eredi ndaqs ta' missierhom, jirrizulta li l-missier ried li l-Avukat Dottor John Vassallo ikun <u>kuratur</u> ta' l-imsemmi ibnu Hannibal.

L-esponenti jaghmlu hawnhekk riferenza ghall-artikolu 136 tal-Kodici Civili, u jeccepixxu li fid-dawl tan-nomina ta' kuratur ghall-minuri Hannibal kif spjegat, l-attrici mghandhiex il-jedd skont il-ligi li tipprocedi bl-istanza odjerna in rigward tas-sehem devolut lil Hannibal mill-wirt ta' missieru.

Konsegwentement l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-harsien tal-gudizzju.

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jirrizultax li omm Hannibal, l-attrici, ottemperat ruhha mad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 137 tal-Kodici Civili, in rigward ta' l-accettazzjoni tal-wirt devolut lill-minuri Hannibal.

Ghalhekk ukoll l-attrici qieghda tagixxi rritwalment u b'mod null 'bhala legittima rapprezentanti' tal-minuri Hannibal ladarba l-ligi tiddisponi inoltre illi l-accettazzjoni tal-wirt f'isem il-minuri huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja ezercibbli mill-genituri flimkien ('by the parents jointly', artikolu 136 (3) tal-Kodici Civili).

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, l-1 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr David Camilleri. Dr John Vassallo bhala Kuratur u Dr Julienne Portelli Demajo ghall-konvenuti l-ohra, prezenti fl-Awla. *In visto* tan-nota ta’ Dr John Vassallo tal-4 ta’ Frar 2016, id-difensur tal-intimati titlob li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni. Dr David Camilleri ghall-attrici jirrileva illi ser jipprezenta proceduri ohra biex jikkontesta d-digriet li gie esebit fl-4 ta’ Frar 2016, u jimpenja ruhu li jesebixxi kopja f’ dawn l-atti. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni bil-fakolta` lid-difensuri tal-partijiet jipprezentaw nota fi zmien xahar minn dan id-digriet bin-notifika tad-difensuri tal-kontro-parti ghat-28 ta’ April 2016 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tat-28 ta' April 2016, id-digriet tas-26 ta' Mejju 2016 u l-verbal tal-31 ta' Mejju 2016 fejn il-kawza giet differita ghal sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghall-14 ta' Lulju 2016.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija sentenza *in parte* fuq l-ewwel eccezzjoni ssollevata mill-intimati.

Illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qed tipprocedi in rapprezentanza ta' binha minuri Hannibal Mamo, biex tillikwida u taqsam l-assi tad-decujus Evan Mamo, missier l-imsemmi minuri, u biex tigi assenjata wahda mill-porzjonijiet spettanti lilu mill-eredita' imsemmija.

**Fatti:**

Il-fatti li jirrizultaw mill-atti esebiti li ghandhom relevanza huma fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrenti Nadia El Tasha kienet mizzewga lil Evan Mamo li miet fis-17 ta' Marzu 2015, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt (**Dok A**) (fol 5). Illi minn dan iz-zwieg, kellhom tifel bl-isem ta' Hannibal. Jirrizulta li Evan Mamo kellu zewgt itfal ohra minn zwieg precedenti. Id-decujus irregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz ta' testament, datat 15 ta' Dicembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone esebit bhala **Dok B** (fol 4). Permezz ta' dan it-testment, it-testatur halla bhala werrieta universali tieghu lill-minuri

Hannibal, kif ukoll iz-zewg uliedu l-ohra, u cjoe` l-intimati. Fir-raba’ artikolu ta’ dan it-testment, it-testatur ordna li bhala kuratur ta’ ibnu Hannibal, sakemm jaghlaq l-eta` ta’ hamsa u ghoxrin sena, hatar lil Avukat Dottor John Vassallo.

Fil-mori tal-proceduri Dr. John Vassallo gie awtorizzat jaccetta il-wirt provenjenti mill-assi ereditarju ta' Evan Mamo ghan-nom tal-minuri Hannibal Mamo b'digriet tal-Qorti Civili (Giurisdizzjoni Volontarja) tas-16 ta' Ottubru 2015 u b'Digriet iehor tal-5 ta' Jannar 2016 gie mahtur formalment bhala kuratur tal-minuri fit-termini tal-ahhar volonta' tat-testatur.

L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hi fis-sens, li fl-ahhar testament maghmul minn missier ir-rikorrent, il-minuri gie nominat eredi indaqs mal-intimati, izda jirrizulta li l-missier ried li l-Avukat Dottor John Vassallo jkun kuratur tal-imsemmi Hannibal Mamo.

Ghalhekk, gie eccepit li *in vista* tal-**artikolu 136 tal-Kodici Civili**, u fid-dawl tan-nomina ta’ kuratur ghal ibnu Hannibal, ir-rikorrenti m’ghandhiex jedd tipprocedi ghas-sehem devolut lil Hannibal mill-wirt ta’ missieru.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ Dritt:</u>**

Il-Kodici Civili jittratta s-setgha tal-genitur taht titolu IV intitolat “**Fuq is-Setgha tal-genituri**”. Il-provvediment legali relevanti hu s-segwenti:

Skont l-**artikolu 136 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta:

*"(1) Il-ġenituri flimkien jamministraw il-proprjetà ta' uliedhom, imwielda jew le, ħlief dik il-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wieħed mill-ġenituri jew minn terzi.*

*(2) Atti ta' amministrazzjoni ordinarja jistgħu, iżda, jitwettqu minn kull wieħed mill-ġenituri mingħajr l-intervent tal-ieħor.*

*(3) L-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li ghandhom jitwettqu miz-zewg genituri flimkien jinkludu: -*

*(a) it-trasferiment ta' mobbli minnhom infushom, inkluz vetturi bil-mutur, sabiex il-prezz taghhom ikun impjegat bi qligh;*

*(b) il-gbid ta' kapitali li jkunu ghalqu;*

*(c) l-ghoti ta' jeddijiet personali ghat-tgawdija minn proprjeta` immobbli;*

*(d) l-accettazzjoni ta' wirt, legat jew donazzjoni f'isem it-tifel;*

*(e) il-qsim ta' hwejjeg mobbli minnhom infushom;*

*(f) atti li jehtiegu l-awtorizzazzjoni tal-qorti skont is-subartikolu (4)."*

Is-subartikolu (4) jiddisponi hekk:

*"Il-genituri ma jistghux jittrasferixxu hwejjeg immobbli jew hwejjeg mobbli ghax hekk tqishom il-ligi u li jkunu proprjeta` tat-tifel lanqas ma jistghu jisselfu jew jaghmlu dejn iehor f'ismu, jipotekaw jew iweghdu l-proprjeta` tieghu, jaghtuha b'garanzija, jidhlu f'xi kompromess, jew jissottomettu kwistjoni ghal arbitragg, hlief f'kaz ta' bzonn, jew ta' htiega cara u bis-setgha tal-qorti u f'kull kaz bhal dan, il-qorti tista', fuq talba tal-genituri, tawtorizza lil wiehed mill-genituri biex jidher ghat-tifel fuq l-att relattiv."*

Principalment, is-sentenza odjerna titratta il-*locus* standi tar-rikorrenti Nadia Al Tasha biex tistittwixxi din il-kawza *stante* dak stabbilit fit-testment fejn it-testatur ordna bl-aktar mod espress u inekwivoku li l-minuri Hannibal Mamo, ikollu kuratur, hekk kif nominat mit-testatur stess, li ghandu jibqa' sakemm ibnu minuri jaghlaq l-eta` ta' hamsa u ghoxrin sena.

Ir-**Raba' Artikolu** testwalment jghid hekk:

*"It-testatur irid u jordna li bhala kuratur ta' ibnu Hannibal, sakemm dan jaghlaq l-eta` ta' hamsa u ghoxrin sena, hu jahtar lill-Avukat Dottor John Vassallo."*

**Rieda tat-Testatur**

Illi lanqas jirrizulta li hemm xi kontestazzjoni dwar l-interpretazzjoni tar-rieda u l-espressjoni tal-volonta' tat-testatur. Tenut kont tat- testament in kwistjoni, jigi rilevat minn din il-Qorti li l-kliem tad-disposizzjoni testamentarja fil-kaz in ezami jesprimi b'mod car u inekwivoku l-volonta` tat-testatur. Ma hemmx ambigwita` u kwindi m'hemm bzonn

ta' l-ebda interpretazzjoni tal-intenzjoni tat-testatur. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi, li dak li jikkontjeni t-testment in kwistjoni ghandu dejjem jipprevali u jorbot lil dawk kollha koncernati.

Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li *"l-intenzjoni tat-testatur tista' tigi interpretata biss fejn din ma tkunx cara*." (Ara **"Bonavia Properties Ltd. vs Giovanni Bonello",** P.A. deciza fl-24 ta' Frar 2012).[1] Dan il-principju gie riaffermati f'diversi sentenzi fosthom "**Carmelo Sant vs Dr. Giuseppe Cauchi",** Qorti tal-Appell deciz fl-20 ta' Ottubru 1958, **"Paul Vella et vs Grace Everest et"** P.A. deciza fit-28 ta' Ottubru 2015,**"Carmelina Mifsud et vs Matilde Pullicino et"** 13 ta' Gunju 1888 **(Vol.XI pag.633), "Nutar Albert E. Micallef et vs Marietta Tonna"** Appell Civili 18 ta' Marzu 1957; **"Giuseppe Axiak vs Antonio Axiak et"** deciza fis-26 ta' Frar 1945 (Volum XXXII.i.178); **"Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxiaq vs Christopher Testaferrata Moroni Viani**, P.A. – 19 ta' Dicembru 2012) u **"Saviour James Vella vs Antoinette Carmen Barbara,** P.A. - 2 ta' Mejju 2006).

Stabbilit dan il-punt, il-kwistjoni li ghandha tigi deciza hija jekk ir-rieda tat-testatur jeskludi l-omm mill-awtorita' taghha ta' genitur u f'kwalunkwe kaz jekk ghandha r-rapprezentanza legali ta' binha f'dawn il-proceduri.

[1] Ara wkoll "**Farmacista George Mallia vs Carmela Mallia**" Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957, u **Edwin Zammit vs Dr. Louis Degariele noe** P.A. deciza fl-20 ta' Lulju 2012.

**Legittimazzjoni Processwali**

In linea generali jinghad li l-legittimazzjoni processwali u ghall-kontestazzjoni t'azzjoni hu determinat fuq it-talba li tkun proposta. Fil-kaz in ezami t-talba kif proposta hija imfassla ghan-nom tal-minuri u hija ghad-divizjoni u assenjazzjoni tal-wirt provenjenti lill-minuri mit-testatur. Izda t-testatur ried u ordna li l-amministrazzjoni tas-sehem ta' ibnu minuri minn dan il-wirt jigi vestit f'kuratur minnu nominat, li mhuwiex ir-rikorrenti. Dan huwa permissibbli bil-Ligi u anke ikkontemplat **bl-artikolu 136 (1)(a)** fuq citat fejn is-setgha tal-genitur ma jestendix ghall-amministrazzjoni ta' proprjeta' li tkun vestita' f'terzi .

Ikkonsidrat li l-attrici istitwiet il-proceduri odjerni fil-*veste* taghha ta' "*legittima rapprezentanti ta' binha minuri."* Dan hu konformi mal-**artiklu 135 tal-Kodici Civili** li jghid:-

*"**135.** Il-ġenituri jidhru għall-uliedhom, imwielda jew le, fl-atti kollha tal-ħajja ċivili."*

Ukoll skont **l-artikolu 146 tal-Kap 16:**

***146.*** *(1) Jekk wieħed mill-ġenituri jmut, is-setgħa tal-ġenituri tgħaddi biss għand il-ġenitur li jibqa' ħaj dwar it-tfal tiegħu u l-beni tagħhom, magħduda beni li jgħaddu għand it-tfal mill-beni tal-ġenitur mejjet u minn kull kawża oħra wara li jkun miet l-ewwel ġenitur.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw ukoll meta wieħed mill-ġenituri jkun tilef jew tneħħitlu s-setgħa ta' ġenitur, jew ma jkunx jista', minħabba*

*li jkun nieqes jew minħabba impediment ieħor, jeżerċita l-jeddijiet tas-setgħa ta' ġenitur."*

Illi l-kliem tal-Ligi huma cari u fil-fehma tal-Qorti, il-volonta' tat-testatur ma jistax jeghleb ir-rieda tal-legislatur ghal dak li jirrigwarda r-rapprezentanza legali, u anke l-*patria potestas* li hija fdata lill-genitur superstiti <u>anke fuq il-beni tal-genitur premorjenti.</u>

Dan hu sorrett minn disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Civili li jipprovdu ghad-dekadenza mis-setgha tal-genitur li ghandha ssir b'ordni tal-Qorti (Ara **l-artikoli 150 *et sequitur*** tal-Kodici Civili).

Illi l-Qorti m'ghandhiex fl-atti l-prova li l-attrici pprocediet ghall-iskrizzjoni tal-Ipoteka legali fit-terminu previst mil-ligi.

Skond l-**Artiklu 2038 tal-Kap 16 "** *(1) L-iskrizzjoni tal-ipoteka legali mogħtija favur il-minuri taħt l-artikolu 2019, għandu jaħseb għaliha il-ġenitur imsemmi f'dak l-artikolu, fi żmien erba' xhur minn dak in-nhar li titnissel l-ipoteka, kemm-il darba dik l-iskrizzjoni ma tkunx ġà saret fuq talba ta' xi ħadd ieħor mill-qraba ta' dawk it-tfal.*

*(2) Il-ġenitur illi jikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jaqa' mill-jeddijiet li jiġu mis-setgħa tal-ġenituri, kif ukoll mill-jedd li jindaħal iżjed fl-amministrazzjoni tal-beni tal-persuni li kienu qabel suġġetti għas-setgħa tiegħu, jew li jieħu l-użufrutt li għalih kellu jedd bil-liġi.*

*(3) Il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tista', skont iċ-ċirkostanzi, terġa' tqiegħed il-ġenitur fil-jeddijiet li jkun tilef."*

Attwalment l-amministrazzjoni tal-beni provenjenti mill-wirt ta' Evan Mamo lill-minuri huwa vestit fil-kuratur nominat li kien ukoll gie awtorizzat jaccetta l-wirt devolut lill-minuri Hannibal Mamo bil-beneficcju tal-inventarju, hekk kif degretat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja, fis-16 ta’ Ottubru 2015 (fol 25 u 26) u ma jirrizultax li r-rikorrenti wettqet il-formalitajiet mehtiega biex tigi reintegrata fis-setgha tal-genitur.

Isegwi ghalhekk li ghalkemm l-omm ghandha r-rapprezentanza guridika ta' binha, ghal dak li jirrigwarda s-setgha tal-genitur ghadha ma ottemperatx ruhha mal-formalitajiet imposti mil-legislatur fl-interess stess tal-minuri.

Madanakollu d-dekadenza mis-setgha tal-genitur abbazi tal-inadempjenza mal-artikolu 2038(1) tal-Kap 16 fuq citat mhix assoluta u tista' tigi sanata mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja jekk l-omm taghmel ir-registrazzjonijiet mehtiega.

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess, din il-Qorti mhix tal-fehma li l-eccezzjoni ghandha treggi. Semmai it-talbiet odjerni huma intempestivi sakemm l-attrici tiskrivi l-obbligazzjoni taghha skont il-Ligi.

Illi fil-kaz odjern, it-testatur iddispona billi nnomina kuratur ghall-wirt ta' ibnu. B'dan wera li ma riedx jafda l-amministrazzjoni tal-wirt f'idejn l-omm. Din ix-xewqa mhix inkompatibbli mas-setgha tal-genitur li tkompli tissussisti fl-omm jekk u meta tirregola ruhha. Ghalkemm testatur ma

jistax jeskludi lill-omm mis-setgha taghha ta' genitur, daqstant l-omm ma tistax tinjora l-volonta' tat-testatur u trid tirrikonoxxi li l-amministrazzjoni ta' dak il-wirt qeghdha f'idejn haddiehor.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tichad l-ewwel eccezzjoni billi r-rikorrenti, bhala omm il-minuri, ghandha r-rapprezentanza guridika tal-istess binha u kwindi ghandha *locus standi* anke f'dawn il-proceduri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi f'dan l-istadju tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Lulju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Lulju 2016**